# STEJJER MILL-KOTBA MQADDSA
## ANTIK TESTMENT



# IR-RE SALAMUN

Meta r-re David miet, ibnu Salamun lahaq minn floku. Huwa kien bniedem ihobb li Alla.

Meta tela' fuq t-tron induna li kellu piz kbir quddiem Alla. U ghaldaqstant l-ewwel haga li ghamel kien li talab lil Alla biex jghinu jkun re qaddis bhal ma kien missieru. Missieru David tah ezempju tajjeb hafna meta kien haj. Alla kien kuntent li Salamun ried ikun sultan tajjeb li jmexxi l-poplu fit-triq it-tajba. U minhabba f'hekk bierku. U Alla qallu: "Xi trid?"



U Salamun wiegbu: "Irrid inkun gharef. L-gherf jghini naghraf dak li hu tajjeb minn dak li hu hazin. U b'hekk nista' naghzel biss dak li jghogbok Lilek, O Mulej."

Ghogbitu hafna t-talba ta' Salamun lill- Mulej u tah dak li xtaq. Il-Mulej widdbu biex jobdi l-ligi tieghu u jkun ta' ezempju tajjeb lis-sudditi tieghu.



L-gherf li bih kien imzejjen Salamun ghaggeb lil kulhadd sahansitra anke lin-nies barra l-pajjiz, hekk li kienu jigu minn postijiet imbieghda biex jistaqsuh u hu kien jaghtihom

twegibiet ghaqlin. Kemm rejiet kif ukoll irgejjen kienu jigu jarawh u maghhom igibulu rigali sbieh.



Meta l-lhud kien jigu bzonn l-ghajnuna, kienu jersqu lejn ir-re taghhom Salamun. Jum wiehed zewg nisa gew fil-palazz tas-sultan b'tarbija tifel.  Iz-zewg nisa qalu li kienu joqghodu fl-istess dar. Kull wahda minnhom kellha tarbija, izda wahda minnhom mietet.

U kull omm kienet tghid li t-tarbija hajja kienet taghha. U talbu lil Salamun jaghti l-gudizzju tieghu dwar min kellu l-jedd





ghat-tarbija l-hajja.

Is-sultan kellu f'mohhu pjan ghaqli biex isib il-veru omm. Talab ghal-xabla u qal lil qaddej biex jaqsam it-tarbija minn nofs. U hekk kull omm kienet tieghu nofs it-tarbija. Salamun ma kellux f'mohhu li joqtol it-tarbija. Ried jara biss x'kienet ser tkun ir-reazzjoni ta' kull wahda. Kien jaf li l-omm veru tat-tarbija ma thalli qatt lil binha jmut jew li jkun mahqur.



"Le, le, ja Sidi, taqsamx it-tarbija minn nofs. Ahjar tohodha l-mara l-ohra milli naraha tmut quddiem ghajnejja," qaltlu l-vera omm.

L-omm l-ohra li ma kienitx il-vera omm qaltu li jista' jaqsamha minn nofs.

Minn hawn Salamun gharaf minn kienet il-veru omm u ta t-tarbija lil dik li qaltlu biex ma joqtolhiex.  Kull Izraelita sema' b'dan il-kaz u gharaf kemm Alla kien zejjen lis-sultan taghhom b'gherf kbira.

# IEQAF U AHSEB

Alla jitghaxxaq bina meta nitolbuh l-ghajnuna tieghu biex ahna nharsu dak kollu li jikkmandana u nistghu nizguraw ruhna li jghinna minnufih, ghaliex huwa qatt ma jonqos minn kelmtu li hi qaddisa. "ITOLBU U TAQILGHU..."

Anke meta nitolbu ghajnuniet biex nirnexxu fil-hajja jew ghall-htigijiet tal-hajja Huwa jaghtina dak li jkollna bzonn basta dan ikun ta' gid ghalina. Jekk dak li nitolbu, Alla jaf li ma hux ta' gid ghalina, it-talb taghna ma jkunx mohli; Hu fil-Gherf Infinit tieghu jaghtina hwejjeg ohra ta' gid.

" JEKK IBEN JITLOB LIL MISSIERU HOBZA TAHSBU INTOM LI SER JAGHTIH GEBLA JEW JEKK JITOLBU

BAJDA SER JAGHTIH SKORPJUN. MELA JEKK IL-MISSIER TA' DIN L-ART JAGHTI HWEJJEG TAJBA LIL ULIEDU KEMM IZJED MISSIERKOM LI HU FIS-SMEWWIET JAGHTI HWEJJEG TAJBA LI DAWK LI JITOLBUH."